**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 62 – IT-TNEJN 14 TA' FRAR 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fis-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru wieħed u sittin (61) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn il-25 ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2011.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0217/11. Din kienet konferma li l-Awtorita’ tat-Djar kienet irċeviet l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali għal-fondi fuq proġetti fl-Oqsma tad-Djar tal-Gvern.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammitunsillier staqsiet fuq il-Korrispondenza Nru. 0228/11. Din kienet konferma mingħand il-Perit Edwin Mintoff li hu kien daħħal l-emendi fuq il-proġett tal-bini tal-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, PA 3801/10 kif kien mitlub mill-Mepa.

2.4 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0278/11. Din kienet kwotazzjoni mibgħutha mid-ditta Mica Med Ltd dwar installazzjoni ta’ lampi ġodda fi Pjazza Ninu Cremona.

2.5 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0298/11. Din kienet notifika mingħand il-Mepa dwar seduta finali ( PA 04926/09 ) fuq il-proġett nazzjonali dwar l-Istorm Water Project.

2.6 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0313/11. Din kienet offerta mingħand id-ditta TCTC biex isiru Courses tal-Computer fil-Kunsill.
Is-Sindku qal li la darba dawn qed isiru b’xejn mill-Gvern, ma’ kienx għaqal li noħorġu flus mill-fondi tal-Kunsill.

2.7 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0323/11. Din kienet talba għall-informazzjoni mingħand il-Waste Management fuq il-kuntrattur tal-Ġbir ta’ Skart tal-Kunsill tagħna.

2.8 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0328/11. Il-Fondazzjoni Majjistral talbet informazzjoni mingħand il-Kunsilli Lokali li kienu sejrin jieħdu fondi fuq il-proġetti Measures 125 u 313, fondi għal dawn il-proġetti li ġejjin mingħand l-Unjoni Ewropea.

2.9 Il-Kunsillier Carmel Caruana staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0337/11. Din kienet irċevuta mingħand id-ditta Palmyra, ħlas ta’ stampar u legar tat-Tender 1/11, Ġbir ta’ Skart Domestiku Mħallat.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn il- 25 ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru 138502 ( Triq Giorgio Locano – L033) din ġiet irrapurtata minnufih.

3.3 Rigward ilment Nru. 26/01/11-1 dwar siġra u Creepers li qed jostakolaw il-bankina ħdejn ir-Razzett L-Aħmar fi Triq il-Wied. Il-Kunsill Lokali ġa ħa passi w informa lis-sidien.

3.4 Talba Nru. 28/01/11-1 biex jiżdied id-dawl fi Triq Frederick Borg. Il-Kunsill Lokali qed jikkunsidra din it-talba.

3.5 Rigward ilment Nru. 31/01/11-1 li hemm ħafna ħofor fi Triq l-Għaqba. Il-Kunsill ħa passi immedjati u dawn saru.

3.6 Rigward ilment Nru. 31/01/11-2 li tal-Blokrete għamel xi bankina ħierġa l-barra ħafna fil-kantuniera u qiegħda ta' periklu. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara x'passi għandhom jittieħdu.

3.7 Rigward talba Nru. 31/01/11-1 biex isiru l-Parking-Bays fi Triq Ġwann Mamo. Il-Kunsill kien applika mat-Trasport Malta biex dawn isiru.

3.8 Rigward ilment Nru. 138664 dwar irwejjaħ kbar ta' drenaġġ fl-Iklin speċjalment fl-inħawi tar-Roundabout ta' Ħal-Lija.
Dan jiġri kull meta tagħmel ix-xita u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma jafu b'din il-problema serja.

3.9 Rigward ilment Nru. 03/02/11-1 dwar pjanti perikolużi fi Triq Pawlu Grech li hemm fuq il-bankina. Il-Kunsill Lokali qed jinvestiga min għamilhom dawn iż-żewġ qsari kbar biex jieħu passi ħalli jitneħħew.

3.10 Rigward ilment Nru. 03/02/11-2 dwar ħofor li hemm fi Triq Ċensu Busuttil. Il-Kunsill ħa passi immedjati u dawn saru.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 06173/07. Dar in-Naspli, Triq Erin Seracino Inglott. Applikazzjoni amendata; biex tinbena swimming-pool u biex jiġu approvati xogħlijiet li ġa saru. Kien hemm talba għal-aktar informazzjoni.

5.3 Dwar PA 03034/09. Plot 3, Villa Oleander, Iklin Valley. Biex jiġu approvati xogħlijiet ġewwa u barra bungalow li hija approvata u li għandha taħt semi-basement garaxx u swimming-pool. L-applikazzjoni ma' ġietx approvata. Id-deċizjoni oriġinali tibqa'.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS TA' GĦELUQ IS-SENA 2010.

Peress li l-Accountant kien irraporta filgħodu li kien marid, il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jiġi aġġornat għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar fl-4.30pm.
Kulħadd qabel.

## 7. LIBRERIJA PUBBLIKA FL-ISKOLA PRIMARIJA LIJA-BALZAN-IKLIN.

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli qal li l-Headmistress tal-Iskola Primarija kienet sejħet għal-laqgħa t-tlett Kunsill Lokali fejn infurmathom li l-Librerija Pubblika kellha tersaq barra mill-iskola biex isir xkaffar ġdid u manutenzjoni.
Hi kienet qiegħda titlob għajnuna finanzarja biex titjib il-Librerija.

7.2 Il-Headmistress saret taf dak in-nhar li l-Kunsill ta' Ħal-Lija kellu d-Devoluzzjoni tal-Librerija. Għaldaqstant kien hu responsabbli tat-tmexxija u l-finanzi tagħha.

7.3 Is-Sindku Anthony Dalli qal li taħt din is-sitwazzjoni il-Kunsill tagħna ma setgħax jipparteċipa finanzjarjament iżda setgħa jgħin biex jinxtraw xi kotba. Hu kien qed jistaqsi wkoll kemm nies mil-lokalita' tagħna kienu qed jużaw il-Librerija.

7.4 Il-Headmistress qalet li kellha terġa ssir laqgħa oħra biex jitkomplew id-diskussjonijiet.

## 8. ATTIVITAJIET – KARNIVAL-JUM IL-MARA- ENERGY SAVING WEEK.

Is-Sindku Anthony Dalli taha l-aħħar dettalji dwar l-attivitajiet tal-Karnival. Dan sejjer isir mill-Football Nursery bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Id-data tkun is-7 ta' Marzu wara nofs in-nhar. Is-Sur Dalli issuġġerixxa li aħna nħallsu s-Sala ta' Ħal-Lija u l-Clown.
Il-Football Nursery kienu sejrin jitolbu ħlas ta' €2 mingħand it-tfal biex jinxtraw id-drinks u l-Isnacks.
Kulħadd qabel ma' din il-proposata.

8.1 Jum il-Mara sejra ssir l-Erbgħa 16 ta' Marzu. Din is-sena s-Sindku b'konnessjoni mal-Viċi-Sindku kien qed jipproponi li l-Quddiesa ssir fl-Iklin stess.
Wara għal-ħabta tad-9.00am, nitilqgħu għal-Hotel fejn ġewwa s-Sala tal-Hotel l-ewwel nisimgħu taħdita fuq l-Ispina tad-Dahar minn speċjalista.
Wara ngħaddu fir-Restaurant għal-Buffet Breakfast.
Il-prezzijiet jitħabbru f'seduta oħra.
Kulħadd qabel ma' din l-proposta.

8.2 Bħala Kunsill Lokali aħna sejrin nipparteċipaw fl-Energy Week bejn it-28 ta' Marzu u l-4 ta' April 2011.
Is-Sindku Anthony Dalli kien qed jipproponi li jsiru 3 taħdidiet minn kelliema professjonail matul ġurnata partikolari; sejrin inġibu Electric Car mingħand il-Ministeru biex inħeġġu n-nies jużaw trasport "energy -saving"; sejirn inġibu ċiklisti biex jibdew Maratona li tispiċċa fl-Iklin u nħajru n-nies jużaw ir-rota madwar l-Iklin u barra l-Iklin; Bil-parteċipazzjoni tad-Dipartiment tal-Anzjani sejrin inġibu makkinarju li jintuża għall-eżerċizzju fiżiku li sejjer jitqiegħed fil-beraħ.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Is-Sur Anthony Dalli qal li kien avviċinat minn xi residenti dwar il-volum ta' ilma li jinżel minn Triq Geronimo Abos kull meta tagħmel ix-xita. Dawn talbu li tinstab soluzzjoni għaliex dejjem jidħlilhom l-ilma.
Is-Sur Dalli qal li kien qed jaħseb li forsi seta' jsir 'culvert' taħt il-bankina man-naħa ta' Triq Gwann Mamo. Dan ikun pied u nofs fond u pied u nofs wiesgħa.
Kulħadd kien qed jaqbel li hemm din il-problema; Għaldaqstant għandu jsir kuntatt mal-Contract Manager tagħna biex nieħdu il-parir tiegħu u 'nġibu stima.

9.2 Is-Sur Anthony Dalli tkellem ukoll fuq il-ġbir ta' skart aħdar peress li dalwaqt ikollna kuntrattur ġdid. Il-ġbir issa jibda jsir il-Ħamis ma' l-iskart domestiku wara li nkunu ftiehmna mal-kuntrattur il-ġdid.

9.3 Huwa rrefera wkoll fuq ittra li rċevejna mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar il-problema l-kellna meta inkissru l-kaptelli fis-Service Road ta' Naxxar Road quddiem il-Ħanut ta' l-Orienta. Dawn kemm il-darba tkissru mill-vannijiet li jitilgħu fuq il-bankina.
Għaldaqstant biex nevitaw din il-problema ta' dejjem, l-Avukat issuġġerixxa li niktbu lit-Trasport Malta biex inġibu permess nagħmlu "bollards" fejn hemm ir-rampa.

9.4 Kellna stedina mingħand il-Kumitat Partit Nazzjonalista tal-Iklin biex jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill.
Il-laqgħa ġiet iffissata għal-nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2011 wara l-laqgħa tal-Kunsill.

9.5 Is-Sur Dalli informa li l-Kunsill li kellu talba mingħand il-ħaddiem tal-IPSL,Anthony Delia, li peress li kien qed juża l-vettura tiegħu fuq qadi tal-Kunsill, talab lill-Kunsill biex iħallaslu xi tip ta' polza għall-karozza tiegħu.
Wara konsultazzjoni mal-membri preżenti, kien suġġerit li l-Kunsill iħallas il-polza fuq bażi ta' sena, iżda tkoprih biss waqt il-ħinijiet tax-xogħol normali tiegħu u kull "ínċident' ikun ikkonfermat mis-Segretarju Eżekuttiv.

9.6 Is-Sur Dalli qara ittra li rċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Alfred Naudi, fejn spjega li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu tkun il-15 ta' April 2011 peress li huwa kien sejjer jirtira għal-kollox.
Waqt li rringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillera tal-koperazzjoni li dejjem sab mingħandhom, talab lis-Sur Dalli biex jibda jaħseb għas-sostitut tiegħu.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għamlet l-intervent tagħha fejn irreferit għall-ħarġa tal-fuljett tal-Iskola Primarja Lija-Balzan-Iklin fejn irreferit għall-Artilklu " Tinkiteb paġna ġdida fl-istorja tal-iskola Lija-Balzan-Iklin".
L-Iskola kienet qed turi l-apprezzament tagħha għaliex il-Kunsill Lokali Iklin kien offra t-trasport biex nġiebu t-tfal kollha tal-Iskola Primarja biex jisimgħu l-quddiesa fil-Parroċca ta' l-Iklin għall-ewwwl darba fl- istorja tagħna, fit-18 ta' Jannar ta' din is-sena.

10.2 L-istess laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar biex jiġi diskuss item 6 ta' l-Agenda l-Financial Statements għeluq is-sena 2010.

## IT-TIENI PARTI TAL-LAQGĦA

10.3 Il-Laqgħa kompliet fil-5.00pm ta' nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar meta wasal l-Accountant, is-Sur Parick Caruana.

10.4 Hu beda biex taha rendikont tad-Dħul u Infiq kollu tas-sena Finanzjarja 2010. Spjega fid-dettall kull item tal-Financial Statements u rrisponda għal kull mistoqsija li saritlu mingħand il-Kunsilliera preżenti.

10.5 Il-Financial Statements kienu qed juru "Surplus" għas-sena 2010 ta' €20,030. Din kienet pożizzjoni pożittiva meta wieħed jikkunsidra x-xogħlijiet kollha li saru s-sena l-oħra.

10.5 Is-Sindku Anthony Dalli, wara li staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet, ressaq il-Financial Statements għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Dawn ġew approvati unanimament.

10.6 Għaldaqstant is-Sur Dalli talab lis-Sur Caruana jipproċedi biex joħroġ il-Financial Statements ħalli dawn jiġu ippreżentati lin-National Audit Office kif titlob il-liġi.

10.5 Is-Segretarju ppreżenta lis-Sindku Anthony Dalli kwotazzjoni li rċieva il-Kunsill Lokali mingħand M.Quip Ltd. Is-Sur Dalli qal li din kienet tax-xibka tax-"Shute" tal-Bandli li kien ħiereġ il-wire minnha u għaldaqstant saret perikoluża għat-tfal. Il-prezz tagħha kien ta' €920.40.
Għaldaqstant is-Sur Dalli kien qed jipproponi li din tinxtara minnufih.
Kulħadd preżenti approva din l-ispiża.

10.7 Qabel ma spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

10.8 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Frar 2011

fil- 5.30pm.

.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv